**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Kawża Numru: 9852/2024SG**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Muhammed Abdi**

**Illum, 8 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Muhammed Abdi, detentur tal-karta tar-residenza Maltija bin-numru 9004304(A), u li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

> *"1. nhar il-14 ta' Diċembru 2024 għall-ħabta ta' bejn id-disgħa w nofs ta' filgħodu (09:30hrs) u l-għaxra w nofs ta' filgħodu (10:30hrs) ġewwa PAVI Shopping Complex, Triq Manuel Dimech, Qormi insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Cedric Attard, Paul Spiteri, Zameer Sohail u lil Keith Mangion;*
>
> *2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, f'xi post pubbliku immolestajt lin-nies biex titlallab il-karità;*
>
> *3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġiba tiegħek, ikkaġunajt lil Cedric Attard, Paul Spiteri, Zameer Sohail u lil Keith Mangion, biża' li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjet ta' xi ħadd mil-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu;*

*4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjar u storbju;*

*5. U aktar talli bejn nhar it-12 ta' Diċembru 2024 għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) u nhar it-13 ta' Diċembru 2024 għall-ħabta tas-siegħa u filgħodu (01:00hrs), ġewwa l-isptar Mater Dei, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC1536 Mark Swain, PC398 David Mizzi, PC235 Ismael Camilleri it-tlieta persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qiegħdin jagħmlu jew minħabba li kien qiegħedin jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuq PC1536 Mark Swain, PC398 David Mizzi, PC235 Ismael Camilleri kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;*

*6. U aktar talli nhar it-12 ta' Diċembru 2024 għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa nieqes kwart ta' filgħaxija (18:45hrs) u t-tmienja nieqes kwart ta' filgħaxija (19:45hrs) ġewwa PAVI Shopping Complex, Triq Manuel Dimech, Qormi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Keith Mangion f'periklu ċar, ikkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa hekk skond ma ġie ċċertifikat minn Dr. Klemen Lipovsek MD (Reġ. Med. 4994) u/jew diversi tobba oħra;*

*7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Zameer Sohail f'periklu ċar, permezz ta' arma irregulari ikkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa hekk skond ma ġie ċċertifikat minn Dr Gregory Attard MD (Reġ. Med 2627) u/jew diversi tobba oħra.*

*8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, beżaq xi sustanza jew neħħa maħta mill-imnieħer, jew ħalla jew iddepożita exkreta materjali tal-bniedem, inkluż vomtu jew ħalla jew iddepożita xi exkreta materjali tal-annimali fuq jew għal fuq xi triq jew xi post pubbliku, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, u/jew dan id-depożitu jew tħollija ma kienx awtorizzat bil-liġi;*

*9. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjar u storbju;*

*10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Keith Mangion u Zameer Sohail;*

*11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;*

*12. U aktar talli nhar il-15 ta' Diċembru 2024 għall-ħabta ta' bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u il-ħdax ta' filgħodu (11:00hrs), ġewwa l-Qrati tal-Ġustizzja (Malta), inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC2393 Rhone Mifsud Grech, persuna nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien qiegħed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżża' jew li jinfluwixxi fuq PC2393 Rhone Mifsud Grech kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;*

*13. U finalment talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ;*

*14. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdula;*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Cedric Attard, Paul Spiteri, Zameer Sohail u lil Keith Mangion u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, filwaqt li qiegħedin nesebixxu l-PCR Personal Details flimkien mal-Fedina Penali tal-imsemmi Muhammed Abdi nitolbu li dan il-każ jiġi nvestigat skont il-liġi."*

Qieset l-ammissjoni tal-imputat, li kkonferma l-istess ammissjoni wara li ngħata żmien biex jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semgħet trattazzjoni dwar piena jew sanzjoni minn naħa tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**:

Illi la darba l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u wara li għamlet l-aċċertamenti kollha meħtieġa skont il-liġi meta ssir ammissjoni tali, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat ġew sodisfaċentement ippruvati u għalhekk ma għandhiex triq oħra ħlief li tiddikjara lill-istess imputat ħati tagħhom.

**Ikkunsidrat**:

In tema ta` piena jew sanzjoni, din il-Qorti qed tikkonsidra, fost oħrajn, in-natura tar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat, iċ-ċirkostanzi tal-każ, partikolarment il-fatt li l-imputat għandu bżonn għajnuna, u l-ammissjoni tal-imputat.

**Decide**

**Għal motivi premessi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 339(1)( e), 338(x), 251B(1), 338(dd), 95, 214, 221, 338(w), 28A, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Skeda 1, Partita 4 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 549.40, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal sentejn priġunerija, iżda tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerja, m'għandhiex tibda sseħħ, ħlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin mil-lum, l-imputat jikkometti reat ieħor punibbli bi priġunerija, u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun, ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A (4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat bi kliem ċar u li jinftiehem lill-ħati, ir-responsabbilita' tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Inoltre u addizzjonalment, bis-saħħa u ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta` Trattament għall-perjodu ta` sentejn mil-lum, u dana skont id-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, fi kliem ċar u li jinftiehem, l-iskop tas-sanzjoni fuqu imposta b'din is-sentenza u l-konsegwenzi, jekk hu ma joqgħodx għal tali sanzjoni, kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu inkwantu għall-Ordni ta' Trattament.**

**Inoltre, il-Qorti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Liġjiet ta' Malta, qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-istess ħati, a favur tal-vittmi Cedric Attard, Paul Spiteri, Zameer Sohail, Keith Mangion, PC 1536 Mark Swain, PC 398 David Mizzi, PC 235 Ismael Camilleri u PC 2393 Rhone Mifsud Grech, liema Ordni ta' Trażżin hija soġġetta għal varji kondizzjonijiet, ilkoll kontenuti fl-istess Ordni. Din l-Ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Dwar it-talba għal ordni biex il-ħati jħallas l-ispejjeż tal-esperti nkarigati, din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha, stante li ma tressqu l-ebda provi dwar xi spejjeż ta' esperti nkorsi.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta` din is-sentenza tiġi kkomunikata lid-Direttur *Probation and Parole.***

________________________________

**Maġistrat Dr Simone Grech LLD**

____________________________

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**